# Ir-Riforma Edukattiva: Dħul fil-Form 1

minn Leonard Grech

(Dan l-artiklu kien ippubblikat għall-ewwel darba fl-*Orizzont*, 28 Nov. 2009.)

## Is-sistema silettiva

F'Mejju li għadda Sandro għamel l-eżami tal-Junior Lyceum u b'xorti tajba għadda. Ma tantx ikkonfonda li weħel f'tal-Common Entrance. Basta deffes rasu fil-Junior. Iddispjaċih li kuġintu Tania weħlet fil-Matematika. Dan kien ifisser li kellha tmur fi skola Sekondarja, fejn, biex ngħidu kollox, sejra tajjeb ukoll u tinsab kuntenta. Imma Tania xorta ddispjaċiha għax hi tifla brava għalkemm batuta fil-Matematika. Xtaqet kieku tmur ma' sħabha f'Junior Lyceum.

## Mejju 2010: l-aħħar edizzjoni tas-sistema preżenti

L-eżamijiet tal-Junior Lyceum u tal-Common Entrance se jerġgħu jsiru f'Mejju 2010. Wieħed jifhem li t-tibdil jeħtieġ isir bil-mod ħalli naddattaw għalih. B'danakollu se jkun hemm xi ħaġa differenti minn dak li ġara s-sena l-oħra. Se jitneħħa l-eżami tal-Istudji Soċjali. Għalhekk l-istudenti se jkunu eżaminati f'erba' flok f'ħames suġġetti. Dan jgħodd kemm għal Junior kif ukoll għall-Common Entrance. Tajjeb ngħidu li tneħħa l-Istudji Soċjali mhux għax mhuwiex suġġett importanti. Huwa suġġett sabiħ ħafna imma m'hemmx bżonn neżaminaw lilu wkoll għal skop ta' silezzjoni. Bit-tneħħija tiegħu nnaqqsu l-pressjoni fuq l-istudenti, fuq l-għalliema u fuq il-ġenituri. Tajjeb ngħidu wkoll li se jibqa' r-resit għal dawk li se jagħmlu l-eżami tal-Junior Lyceum. Ir-resit jistgħu japplikaw għalih dawk biss li jeħlu minn suġġett wieħed.

## Ġunju 2011

L-istudenti li bħalissa qegħdin Year 5 itemmu l-istudji tagħhom fil-Primarja s-sena skolastika li ġejja. Is-sistema silettiva għad-dħul fis-Sekondarja tkun spiċċat. Għalhekk wieħed jistaqsi: Kif se jidħlu fil-Form 1 l-istudenti tagħna? Se jitneħħew l-eżamijiet?
Ejja nibdew mill-aħħar mistoqsija. Huwa minnu li l-eżamijiet tal-Junior Lyceum u tal-Common Entrance jkunu waqfu imma dan ma jfissirx li jieqaf l-assessjar. Fl-aħħar tal-Year 6 l-istudenti jkollhom eżami ġdid. Is-suġġetti eżaminati jkunu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Tajjeb ngħidu li fil-Malti u fl-Ingliż se jidħol l-oral minbarra dak li nsejħulu *listening comprehension*. Dan jista' jkun issettjat miċ-ċentru jew imfassal mill-

iskola. Se jidħol l-oral ħalli nenfasizzaw l-importanza tal-lingwa mitkellma.
L-eżami li se jibda f'Ġunju 2011 ikun wieħed nazzjonali u għalhekk ikunu mistiedna jagħmluh l-iskejjel kollha, kemm tal-Istat u dawk tal-Knisja jew Indipendenti. Ir-riżultat jurina stampa tal-ħiliet tat-tfal fis-suġġetti eżaminabbli. Imma r-riżultat ma jservix biex nagħżlu bejn dawk li jmorru f'Junior Lyceum jew f'Sekondarja. It-terminoloġija 'Junior Lyceum' tkun spiċċat. L-istudenti li jidħlu fis-Sekondarja tal-Gvern jmorru fi ħdan il-Kulleġġ, il-bniet fi skola sekondarja tagħhom u s-subien fi skola sekondarja għalihom. F'dawn l-iskejjel l-istudenti jkunu fi klassijiet b'abbiltajiet imħallta. Imma se nkomplu nsaħħu s-*setting*.

**X'inhu s-*setting***

Is-*setting* huwa meta inti tiggruppja l-istudenti flimkien skont ċertu kriterju. Fil-każ tagħna se jintuża s-*setting* fuq il-kriterju tal-abbiltà akkademika fi tliet suġġetti ewlenin. Dawn huma l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika. Jista' jkun hemm *setting* f'suġġetti oħra jekk jinħass il-bżonn. Allura b'dis-sistema l-istudenti jkunu fi gruppi li qed isegwu programmi ta' tagħlim skont il-ħila tagħhom f'dak is-suġġett partikolari. Ir-riżultat tal-eżami li semmejt fuq iservi biex jitħejjew dawn il-programmi differenti ta' tagħlim.
Meta jintuża s-*setting* ma jfissirx li student se jidħol fi grupp u jibqa' fih. Jekk l-istudent jagħmel il-progress mixtieq huwa jimxi għal grupp fejn l-istudenti jitgħallmu programm addattat aktar għalihom.
Mela se jkollna sitwazzjoni fejn l-istudenti jkunu fi klassi b'abbiltajiet imħallta imma f'ċerti ħinijiet ikunu mifrudin skont il-bżonn. Jidhrilna li b'dan il-mod qed nilħqu l-bilanċ meħtieġ.

**Skejjel tal-Knisja**

Ħarġet l-aħbar li għadd ta' skejjel tal-Knisja se jkabbru n-numru ta' postijiet għall-studenti. Nafu wkoll li Savio College, St Paul's Missionary College (magħruf bħala Sant'Agata), kif ukoll is-Seminarju se jibdew jagħtu servizz fil-qasam tal-edukazzjoni Primarja minbarra dak tas-Sekondarju. Mill-banda l-oħra, l-iskola ta' Theresa Nuzzo mhux se tibqa' biss fuq il-Primarja imma se tifrex ukoll it-tagħlim fil-qasam Sekondarju. Dan ifisser li l-għadd ta' studenti fl-iskejjel tal-Knisja se jiżdied.

**Dħul fl-iskejjel tal-Knisja**

Intlaħaq ftehim fuq il-kriterji applikabbli għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fil-Kinder, fil-Primarja u fis-Sekondarja. Il-kriterji huma li l-aħwa jidħlu

fl-istess skola, u tfal li qegħdin fi djar tal-Knisja jidħlu fl-iskejjel tagħha. Sar magħruf ukoll li jistgħu jidħlu sa żewġt itfal f'kull klassi bi bżonnijiet umanitarji gravi u li fl-aħħarnett fil-postijiet li jibqa' l-istudenti jidħlu bil-polza.

Il-kriterji msemmija fuq għandhom ċerti implikazzjonijiet, fosthom li

(a) tfal li daħlu skont il-kriterji msemmija hawn fuq jistgħu jkomplu fi skola tal-Knisja sa tmiem l-iskola sekondarja, jiġifieri sal-Form 5,

(b) f'każ ta' skola (kongregazzjoni) li għandha aktar minn livell wieħed (kinder, primarja, sekondarja) l-istudenti jgħaddu minn livell għal ieħor b'mod awtomatiku,

(ċ ) tfal li daħlu fi skola tal-Knisja (Kinder u Primarja) li ma għandhiex il-livelli kollha jgħaddu għal skola tal-Knisja oħra permezz ta' għażla tal-ġenituri wara li ssir lotterija li biha jiġi stabbilit l-ordni ta' għażla ta' skola (ara l-paragrafu li jmiss),

(d) meta jkun baqa' postijiet vakanti fl-iskejjel tal-Knisja ssir lotterija fost dawk li jixtiequ jattendu skola tal-Knisja. Id-dettalji ta' dawk li jitilgħu f'din il-lotterija jiġu miżjuda ma' dawk tat-tfal li diġà qegħdin fi skola tal-Knisja li ma għandhiex kontinwità, imbagħad issir lotterija fosthom biex jiġi stabbilit l-ordni li bih issir l-għażla ta' skola.

## Konklużjoni

Minn dak li ntqal ħareġ li studenti fl-iskejjel tal-Gvern se jibqgħalhom iċ-ċans li jidħlu fi skola Sekondarja tal-Knisja.
Jidher ċar li sar sforz qawwi biex tidħol sistema ġusta. It-tranżizzjoni mill-Primarja għas-Sekondarja għandha tkun aktar faċli u bla pressjoni żejda. Dan huwa mezz biex nerġgħu nagħtu lit-tfal tfulithom lura. Il-kwalità ta' tagħlim għandha titjieb speċjalment meta niftakru kemm għajnuniet ta' kull xorta se jkollhom l-iskejjel u l-għalliema kemm dawk tal-Istat u dawk tal-Knisja. Għalhekk nistennew li l-istandards jogħlew għall-ġid tal-individwu u tas-soċjetà inġenerali.

---

Leonard Grech huwa Assistent Direttur fid-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.